IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2024
COM(2024) 507 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL
dwar obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn benefiċjarji bażitarji u assistenza finanzjarja u s-sostenibbiltà ta' dawk l-obbligazzjonijiet kontinġenti
Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2023

Werrej

1. Introduzzjoni 2

2. Analiżi tas-sorsi differenti tal-obbligazzjonijiet kontinġenti 4

2.1 Garanziji baġitarji 4

2.2 Self proviżjonat għal assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi 6

2.3 Self garantit b'marġni ta' manuvra 8

2.4 Ħarsa ġenerali lejn l-obbligazzjonijiet kontinġenti fi tmiem l-2023 11

3. Il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE 14

3.1 Qafas ta' valutazzjoni 14

3.2 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati 14

3.3 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra 19

4. Konklużjonijiet 22

5. Annessi: 23

Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji 23

Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji 24

1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport jinħareġ skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 256 tar-Regolament Finanzjarju[1] u għandu jinqara flimkien ma':

- id-dokument ta' ħidma XI, li jakkumpanja l-abbozz tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2025[2] u li jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-garanziji baġitarji tal-UE (Art. 41 (5) Rapport)[3]; u
- ir-rapport ta' previżjoni fit-tul dwar il-fluss tad-dħul u tal-ħruġ futuri tal-baġit tal-UE, li jagħti projezzjonijiet għall-kapaċità finanzjarja disponibbli tal-UE fl-2025–2029 b'mod li jqis in-nefqa ppjanata tal-baġit[4].

L-objettiv ta' dan ir-rapport huwa li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-ammont u l-kompożizzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti — kemm obbligazzjonijiet kontinġenti **provižjonati**[5] kif ukoll garantiti **b'marġni ta' manuvra** — imġarrba mill-baġit tal-UE mill-31 ta' Diċembru 2023. L-obbligazzjonijiet kontinġenti huma obbligazzjonijiet finanzjarji potenzjali, li jirriżultaw minn impenji vinkolanti eżistenti jew minn avvenimenti passati[6]. Jekk dawn l-obbligazzjonijiet kontinġenti jirriżultawx jew le f'sejħiet reali fuq il-baġit tal-UE, u d-daqs ta' kwalunkwe sejħa bħal din, se jiddependi fuq avvenimenti futuri li ma jistgħux jiġu mbassra ex ante.

Fi tmiem l-2023, il-baġit tal-UE kien espost għal obbligazzjonijiet kontinġenti li jammontaw għal aktar minn EUR 255 biljun (EUR 206 biljun fi tmiem l-2022) relatati ma' self mogħti lill-Istati Membri (EUR 221 biljun) u lil pajjiżi terzi (EUR 34 biljun), u aktar minn EUR 108 biljun (EUR 106 biljun fi tmiem l-2022) relatati ma' garanziji baġitarji pprovduti fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)[7], InvestEU[8], il-Mandat ta' Self Estern (ELM)[9], il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD)[10], u l-EFSD+[11]. Ix-xejra 'l fuq fl-ammont ta' obbligazzjonijiet kontinġenti naqset b'żieda ta' 16 % fl-2023 meta mqabbla ma' żieda ta' 40 % osservata fl-2022.

---

1 Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024).

2 COM(2024) 300 tad-19.6.2024.

3 Id-dokument ta' ħidma XI dwar l-implimentazzjoni tal-garanziji baġitarji, il-Fond ta' Provižjonament Komuni u l-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u minn assistenza finanzjarja skont l-Artikolu 41(5) tar-Regolament Finanzjarju.

4 COM(2024) 276 final tat-28.6.2024.

5 F'dan id-dokument it-terminu "*provižjonament*" jintuża fit-tifsira tar-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari l-Artikolu 214 tiegħu. Kif stabbilit fl-Artikolu 214(2), ir-rata ta' provižjonament trid tkopri t-telf nett mistenni flimkien ma' riżerva ta' sikurezza adegwata għal telf mhux mistenni. F'ċirkostanzi oħra, it-terminu provižjonament (eż. f'kuntest kontabilistiku) jista' jkollu tifsira differenti.

6 Sors separat ta' obbligazzjonijiet kontinġenti huwa rappreżentat mir-"riskji legali". Dawn mhumiex koperti minn dan ir-rapport.

7 Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

8 Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30-89).

9 Ħarsa ġenerali lejn l-atti leġiżlattivi rilevanti u l-ftehimiet ta' garanzija korrispondenti bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment hija disponibbli fl-Adozzjoni Definittiva (UE, Euratom) 2021/417 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021 (Taqsima III – il-Kummissjoni, Kummenti għall-Partita 14 20 03 02 tad-dikjarazzjoni tan-nefqa "Garanzija għall-Azzjoni Esterna għall-NDICI, EINS, IPA III u MFA") (ĠU L 93, 17.3.2021, p. 959).

10 Ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Settembru 2017 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD), il-Garanzija tal-EFSD u l-Fond ta' Garanzija tal-EFSD (ĠU L 249, 27.9.2017, p. 1).

11 L-EFSD+ ġie stabbilit mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – ir-Regolament dwar l-Ewropa Globali. Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Il-biċċa l-kbira ta' din iż-żieda ġejja minn żborżi ta' self addizzjonali lill-Istati Membri taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility)[12] u mill-appoġġ finanzjarju straordinarju lill-Ukrajna (permezz tal-Istrument ta' Assistenza Makrofinanzjarja (AMF) +)[13].

Dan ir-rapport jippreżenta wkoll valutazzjoni tas-sostenibbiltà fit-tul tal-obbligazzjonijiet kontinġenti bbażata fuq fatturi kwalitattivi u kwantitattivi, inkluż simulazzjoni ta' kriżi. Din il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà titwettaq billi jitqabblu l-obbligazzjonijiet kontinġenti ma':

- il-valur tas-suq tal-proviżjonijiet eżistenti miżmuma fil-kompartimenti rispettivi tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni (Common Provisioning Fund, CPF)[14] stabbilit mill-Kummissjoni għal **obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati**, jiġifieri dawk li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi;
- il-limiti tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji u l-marġni ta' manuvra disponibbli għal **obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġini ta' manuvra**.

Il-konklużjoni ewlenija tal-analiżi tas-sostenibbiltà ta' tmiem l-2023 hija li l-baġit tal-UE għandu riżorsi adegwati biex ilaħħaq mal-materjalizzazzjoni potenzjali tal-obbligazzjonijiet kontinġenti:

- Għal obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi, il-proviżjonament disponibbli fi tmiem l-2023 huwa adegwat meta jitqiesu r-rekwiżiti tal-oqfsa legali rispettivi[15].
- Il-kapaċità finanzjarja tal-UE skont il-qafas legali eżistenti (jiġifieri d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji (ORD, Own Resources Decision)[16] u r-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021–2027[17]) hija biżżejjed fi tmiem l-2023 biex tkopri l-obbligi eżistenti tal-UE kemm fir-rigward tal-programmi ta' nfiq kif ukoll tas-swieq finanzjarji (għal dejn maħruġ taħt programmi ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u l-istrument AMF +), anke f'ċirkostanzi avversi estremi. Fi kliem ieħor, il-marġni ta' manuvra għandu riżorsi tajbin biex jiżgura r-robustezza tas-sistema finanzjarja tal-UE u l-affidabbiltà kreditizja tagħha anke f'xenarju negattiv estrem li jikkombina l-impatti negattivi fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, id-dħul u n-nefqa.

Il-ġestjoni u l-monitoraġġ tar-riskji li jirriżultaw minn obbligazzjonijiet kontinġenti jiġu implimentati permezz ta' qafas orizzontali trażversali tal-Kummissjoni li jinkludi miżuri u salvagwardji estensivi li l-Kummissjoni tista' tuża biex tipproteġi l-baġit tal-UE minn telf potenzjali li jirriżulta minn obbligazzjonijiet kontinġenti[18]. Il-Kumitat ta' Tmexxija dwar l-Obbligazzjonijiet Kontinġenti (SCCL)[19] għandu rwol importanti f'dak il-qafas. Fl-2023, l-SCCL iltaqa' erba' darbiet sabiex, fost l-oħrajn, jivvaluta l-evoluzzjoni fil-volum u l-profil tar-riskju tal-iskoperturi għal-Lvant Nofsani u għall-Ukrajna. Fir-rigward tal-Ukrajna, l-SCCL serva bħala pjattaforma biex jitħejja l-proċess ta' rieżami

---

tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

12 Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

13 Ir-Regolament (UE) 2022/2463 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jistabbilixxi strument għall-għoti ta' appoġġ lill-Ukrajna għall-2023 (assistenza makrofinanzjarja +) (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 1–14).

14 Għal dettalji dwar is-CPF ara r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fond ta' proviżjonament komuni fl-2023 (COM(2024) 180 final tal-25.6.2024) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah (SWD(2024) 161 final tal-25.6.2024).

15 Ara t-Taqsima 3 tar-Rapport tal-Artikolu 41(5).

16 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).

17 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 11).

18 Ara l-paragrafi 3.2 u 4.2 tar-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar strumenti finanzjarji, garanziji baġitarji, assistenza finanzjarja u obbligazzjonijiet kontinġenti – is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020 (COM(2021) 676 final tal-5.11.2021).

19 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24.7.2020 dwar it-twaqqif tal-Kumitat ta' Tmexxija dwar ir-Responsabbiltajiet Kontinġenti li jirriżultaw minn Garanziji Baġitarji (COM(2020) 5154 final). Dan ir-rapport fih ukoll l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 7 ta' dik id-Deċiżjoni.

tal-adegwatezza tar-rata ta' proviżjonament ta' obbligazzjonijiet speċifiċi fuq l-Ukrajna (kif stabbilit mill-Artikolu 13 tad- "Deċiżjoni AMF II"[20]).

Dan ir-rapport jidentifika t-tliet kategoriji differenti ta' obbligazzjonijiet kontinġenti (garanziji baġitarji, self proviżjonat lil pajjiżi terzi, u self appoġġat mill-marġni ta' manuvra) qabel ma jipprovdi valutazzjoni tas-sostenibbiltà tagħhom kontra s-sorsi rilevanti ta' kopertura baġitarja.

2. Analiżi tas-sorsi differenti tal-obbligazzjonijiet kontinġenti

2.1 Garanziji baġitarji

Dawn huma garanziji pprovduti lil sħab differenti inkarigati mill-implimentazzjoni taħt il-mandati tal-ELM, l-FEIS, l-EFSD, InvestEU u l-EFSD+. Taħt dawn l-istrumenti kollha, l-UE tipprovdi garanziji lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni[21] biex ikopru sehem mit-telf u kostijiet potenzjali[22] li jirriżulta mill-operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment tagħhom (jiġifieri operazzjonijiet ta' dejn jew ekwità).

Il-ħames programmi ta' garanzija għandhom enfasi ġeografika differenti li tinfluwenza r-riskji li jġorru. L-FEIS u InvestEU jgħinu biex jingħelbu d-diskrepanzi fl-investiment fl-Unjoni Ewropea. L-ELM, l-EFSD u l-EFSD+ huma parti mill-politiki esterni tal-Unjoni Ewropea u jappoġġaw l-investiment f'pajjiżi terzi (bit-Tieqa ta' Investiment 1 tal-ELM u tal-EFSD+ tiffoka prinċipalment fuq il-kontropartijiet sovrani, filwaqt li l-EFSD u t-Tieqa ta' Arkitettura Miftuħa u ta' Investiment tal-EFSD+ 4 jimmiraw prinċipalment operazzjonijiet privati).

a) Garanziji baġitarji għall-appoġġ tal-investiment barra mill-UE

L-eqdem garanzija baġitarja hija dik ipprovduta taħt **ELM**. L-għan bażiku tiegħu huwa li jżid il-kapaċità tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) li jwettaq operazzjonijiet ta' finanzjament f'ambjenti aktar riskjużi barra mill-UE f'oqsma bħall-iżvilupp tas-settur privat lokali u l-iżvilupp tal-infrastruttura soċjoekonomika.

Fl-2017, ġiet stabbilita l-garanzija tal-**EFSD** biex tappoġġa l-investimenti u ttejjeb l-aċċess għall-finanzi — primarjament fl-Afrika u fil-pajjiżi tal-viċinat — u tgħin lil dawk il-pajjiżi jissodisfaw l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza tal-ELM u tal-EFSD, l-**EFSD+** ġie stabbilit għall-perjodu tal-QFP 2021–2027 bħala pakkett finanzjarju integrat li jipprovdi kapaċità ta' finanzjament lill-Afrika sub-Saħarjana, lill-Asja, lir-Reġjun tal-Paċifiku, lill-Amerka Latina, lill-Karibew u lill-pajjiżi tal-viċinat u tat-tkabbir f'oqsma bħal (i) it-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjoekonomiċi; (ii) tkabbir sostenibbli u inklużiv; (iii) l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima; (iv) il-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ambjent; u (v) il-ħolqien tal-impjiegi.

---

[20] Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2022 li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta' proviżjonament komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201.

[21] Fl-2023, l-UE pprovdiet appoġġ baġitarju fil-forma ta' garanziji lill-Grupp tal-BEI u lil istituzzjonijiet finanzjarji oħra (inkluż il-BERŻ u l-Banek Promozzjonali Nazzjonali) taħt il-programmi ta' garanzija eżistenti differenti.

[22] F'xi każijiet, il-garanzija tista' tkopri wkoll partiti addizzjonali bħal kostijiet tal-ksib tal-fondi u tariffi oħra.

b) Garanziji baġitarji għall-appoġġ tal-investiment fl-UE

Fl-2015, il-**FEIS** tnieda biex jirrimedja l-problema ta' investiment privat imrażżan fit-tul fl-UE wara l-kriżi finanzjarja. Dan jieħu l-forma ta' garanzija baġitarja ta' EUR 26 biljun mill-baġit tal-UE lill-Grupp tal-BEI, li hija ssupplimentata b'allokazzjoni mir-riżorsi proprji tal-BEI ta' EUR 7.5 biljun.

Taħt il-QFP 2021–2027, il-programm **InvestEU** jpoġġi taħt l-istess umbrella l-attivitajiet li qabel kienu jitwettqu taħt il-FEIS u diversi strumenti finanzjarji oħra. Dan ipprovda wkoll lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni apparti mill-Grupp tal-BEI b'aċċess għal porzjon ta' 25 % tal-garanzija totali tal-UE. Il-programm InvestEU għandu l-għan li jiżgura spinta addizzjonali għall-investimenti li jrawmu l-irkupru ekonomiku, ir-reżiljenza, it-tkabbir ekoloġiku u l-impjiegi fl-UE matul il-perjodu 2021-2027. Huwa tfittex li jilħaq dan l-għan billi jimmobilizza sorsi ta' finanzjament pubbliċi u privati, jipprovdi finanzjament u appoġġ fit-tul lill-kumpaniji u l-proġetti f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE fil-kuntest ekonomiku u soċjali diffiċli attwali.

Il-ħames programmi ta' garanzija baġitarja jvarjaw fir-rigward ta' diversi karatteristiċi, inkluż l-istadji differenti ta' implimentazzjoni tagħhom. Filwaqt li l-ELM (li daħal fis-seħħ fl-1977) għandu rekord twil, il-perjodu ta' kostituzzjoni tal-FEIS intemm fl-2022 u l-perjodu ta' kostituzzjoni tal-EFSD se jintemm fl-2024. Fl-istess ħin, il-fażi ta' investiment ta' InvestEU u EFSD+ bdiet biss reċentement. Dawn l-istadji differenti ta' implimentazzjoni għall-ħames programmi ta' garanzija baġitarja huma riflessi fit-tabella ta' hawn taħt, li turi li ġew iffirmati operazzjonijiet li jikkunsmaw l-ammont sħiħ tal-garanzija tal-ELM u qrib l-ammont sħiħ tal-FEIS, u parti kbira mill-appoġġ garantit minn dawn l-istrumenti ġiet żborżata. Għall-kuntrarju, l-EFSD+ u InvestEU jinsabu fi stadju ħafna aktar bikri fiż-żieda tagħhom.

It-tabella 1: Is-sitwazzjoni attwali tal-garanziji baġitarji (fil-31 ta' Diċembru 2023) (f'miljuni ta' EUR) (*)

	Garanzija disponibbli ffirmata mal-kontropartijiet	Garanzija disponibbli relatata ma' operazzjonijiet iffirmati mill-kontropartijiet	Garanzija disponibbli relatata ma' operazzjonijiet iffirmati mill-kontropartijiet u żborżati
FEIS	25 591	23 635	21 551
EFSD	1 077	548	478
ELM	27 729	27 729	19 856
InvestEU	25 767	6 592	1 433
EFSD+	28 115	7 660	634
Total	**108 279**	**66 164**	**43 952**

(*) Il-garanzija ffirmata mal-kontropartijiet tirrappreżenta l-ammont tal-garanzija mogħtija lis-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni permezz tal-iffirmar tal-ftehim ta' garanzija. Il-garanzija relatata ma' operazzjonijiet iffirmati mill-kontropartijiet tinkludi ammonti tal-garanzija fl-operazzjonijiet kollha ffirmati mill-kontropartijiet mar-riċevituri finali/l-intermedjarji finanzjarji. Il-garanzija relatata mal-operazzjonijiet iffirmati u żborżati tinkludi l-ammonti ta' operazzjonijiet żborżati mill-kontroparti lir-riċevitur finali/lill-intermedjarji finanzjarji.

Differenzi notevoli oħra bejn il-programmi ta' garanzija huma miġbura fil-qosor fil-punti ta' hawn taħt:

- L-ELM joffri żewġ tipi ta' prodotti (prinċipalment self sovran dirett u sa ċertu punt self privat ukoll) u huwa operat fuq bażi esklużiva mill-BEI[23].
- L-FEIS huwa strutturat f'żewġ twieqi (tieqa għall-Infrastruttura u l-Innovazzjoni ("IIW", Infrastructure and Innovation window) u tieqa għall-SMEs ("SMEW", SME window) bi prodotti differenti implimentati taħt iż-żewġ twieqi) u qed juża wkoll sieħeb ta' implimentazzjoni esklużiv wieħed, jiġifieri l-Grupp tal-BEI.
- L-EFSD huwa implimentat minn 10 kontropartijiet li jużaw prodotti finanzjarji differenti b'livelli ta' riskju differenti, u jinvestu f'ħames setturi ewlenin: jiġifieri l-finanzjament ta' negozji żgħar; l-enerġija sostenibbli u l-konnettività; il-finanzjament tal-munita lokali; id-diġitalizzazzjoni; u l-bliet sostenibbli.
- Il-garanziji baġitarji l-ġodda bħall-InvestEU u l-EFSD+ bnew fuq l-esperjenza ta' garanziji aktar antiki u għandhom karatteristiċi simili għall-garanziji antiki. Madankollu, kemm InvestEU kif ukoll EFSD+ għandhom għadd akbar ta' sħab inkarigati mill-implimentazzjoni ("arkitettura miftuħa") u varjetà relattivament usa' ta' prodotti.

2.2 Self proviżjonat għal assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi

L-obbligazzjonijiet kontinġenti taħt din l-intestatura jirriżultaw minn assistenza finanzjarja pprovduta fil-forma ta' self tal-**programm ta' Assistenza Makrofinanzjarja** (AMF)[24] u self tal-**Euratom** lil pajjiżi terzi[25].

L-appoġġ finanzjarju lil pajjiżi terzi fil-forma ta' self bilaterali mill-UE ngħata prinċipalment fil-kuntest tal-programm tal-AMF, li huwa mmirat lejn pajjiżi barra mill-UE li qed jesperjenzaw kriżi tal-bilanċ tal-pagamenti. Fl-2023, ġie żborżat self ġdid tal-AMF għall-valur ta' EUR 18,3 biljun[26]. EUR 18-il biljun minn dan l-ammont kienu koperti mis-self tal-AMF+ lill-Ukrajna li huwa appoġġat mill-marġni ta' manuvra.

Minbarra l-AMF lil sovrani ta' pajjiżi terzi, EUR 300 miljun f'self tal-Euratom ipprovdut lill-programm tal-enerġija nukleari tal-Ukrajna għadhom ma tħallsux.

---

[23] L-iskoperturi tal-entità privata huma prinċipalment relatati mal-Mandat Privat tal-Inizjattiva ta' Reżiljenza Ekonomika ta' EUR 2,3 biljun (appoġġati taħt l-ELM 2014–2020 abbażi tad-Deċiżjoni (UE) 2018/412, li temenda d-Deċiżjoni 466/2014/UE oriġinali) u ma' għadd ta' garanziji ta' riskju politiku għal skoperturi kummerċjali.

[24] Il-bażi legali għall-AMF lil pajjiżi mhux tal-UE li mhumiex pajjiżi li qed jiżviluppaw hija l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 213 tat-TFUE jista' jintuża bħala bażi legali meta pajjiż terz ikun jirrikjedi assistenza finanzjarja urġenti.

[25] Il-Faċilità ta' self tal-Euratom tgħin lill-Istati Membri jiffinanzjaw investimenti f'impjanti tal-enerġija nukleari u f'installazzjonijiet industrijali fiċ-ċiklu tal-fjuwil nukleari. Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/270/Euratom tad-29 ta' Marzu 1977 li tagħti l-jedd lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' power stations nuklejari (ĠU L 88, 6.4.1977, p. 9) kif emendata u ssupplimentata.

[26] Dawn jinkludu EUR 18-il biljun lill-Ukrajna taħt l-istrument AMF+, it-tielet pagament parzjali ta' 200 miljun tas-self tal-AMF lill-Ġordan, it-tieni pagament parzjali ta' EUR 40 miljun mis-self tal-AMF ta' 120 miljun lill-Moldova oriġinarjament mogħti fl-2022, u l-ewwel pagament parzjali ta' EUR 50 miljun miż-żieda ta' EUR 100 miljun tas-self lill-Moldova deċiż fl-2023. Għal aktar dettalji, inkluż l-ammont pendenti għal kull benefiċjarju individwali, ara r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi fl-2023 COM(2024) 240 final tal-10.6.2024 u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal(2024) 150 final tal-10.6.2024 li jakkumpanjah.

It-tabella 2: Ammonti pendenti fir-rigward ta' self lil pajjiżi terzi (fil-31 ta' Diċembru 2023) (EUR miljun)

	Self pendenti	Imgħax dovut	Total
AMF(*)	15 193	150	**15 343**
Euratom	300	1	**301**
Total	**15 493**	**151**	**15 644**

(*) Minbarra s-self tal-AMF+ (appoġġat mill-marġni ta' manuvra)

Tradizzjonalment, is-self lil pajjiżi terzi (bl-eċċezzjoni tas-self tal-AMF+) ġie ffinanzjat permezz ta' operazzjonijiet ta' teħid b'self "dahar ma' dahar", jiġifieri kull self huwa ffinanzjat b'bond korrispondenti tal-UE li jaqbel bis-sħiħ mas-self tal-UE f'termini tal-maturità, ir-rata tal-imgħax u l-iskeda ta' ħlas lura tiegħu. L-investituri f'bonds tal-UE huma esposti biss għar-riskju ta' kreditu tal-UE u mhux għar-riskju ta' kreditu tal-pajjiż benefiċjarju aħħari. L-obbligazzjoni għall-UE hija kontinġenti, minħabba li l-pajjiż benefiċjarju huwa obbligat kuntrattwalment li jipprovdi l-fluss tad-dħul biex iħallas lura l-bonds tal-UE. Fil-prinċipju, mhu ppjanat l-ebda fluss tal-ħruġ ta' riżorsi tal-UE biex jiġi saldat id-dejn tal-UE.

Madankollu, bħala kontinġenza kontra l-eventwalità li l-pajjiż benefiċjarju ma jħallasx lura l-imgħax jew il-kapital fuq is-self riċevut, il-baġit tal-UE jwarrab provvedimenti għal dan is-self. Tradizzjonalment, 9 % tal-valur tas-self jinżamm bħala provvedimenti għal self tal-AMF jew tal-Euratom lil pajjiżi terzi f'kompartimenti ddedikati fis-CPF. Peress li l-possibbiltà li t-telf jiġi esperjenzat f'żewġ selfiet tal-AMF jew aktar simultanjament hija relattivament remota, il-ġbir flimkien tal-provvedimenti jsaħħaħ il-kapaċità tal-baġit tal-UE li jassorbi t-telf permezz ta' dan l-effett ta' diversifikazzjoni. Il-livelli ta' proviżjonament kontra dan is-self huma diskussi aktar fit-taqsima 3.2.

L-ammonti ta' ħlas lura rrapportati fit-Tabella 3 għandhom għalhekk jitqiesu bħala l-ammonti massimi prevedibbli li jistgħu jiġu eżerċitati kontra l-provvedimenti fis-snin 2024–2029.

Tabella 3: Skeda ta' ħlas lura annwali ta' self proviżjonat pendenti lil pajjiżi terzi (kapital + imgħax) taħt il-programmi eżistenti għas-snin 2024–2029 (fil-31 ta' Diċembru 2023) (miljuni ta' EUR)

Sena	Euratom	AMF	Il-programmi kollha
2024	1	877	**878**
2025	1	261	**262**
2026	1	378	**379**
2027	51	410	**461**
2028	50	409	**459**
2029	0	1 153	**1 153**
Total	**104**	**3 488**	**3 592**

2.3 Self garantit b'marġni ta' manuvra

L-obbligazzjonijiet kontinġenti taħt din l-intestatura jirriżultaw minn **self lill-Istati Membri tal-UE** (jiġifieri self tal-Faċilità tal-Bilanċ tal-Pagamenti (BoP, Balance of payments)[27], self tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM, European Financial Stabilisation Mechanism)[28], self tal-Faċilità Euratom, self bis-saħħa ta' SURE[29] u self bis-saħħa tal-RRF li huma pprovduti biex jappoġġaw investimenti u riformi) u **self reċenti lill-Ukrajna** (EUR 18-il biljun f'self tal-AMF+ lill-Ukrajna u – mill-2024 'il quddiem – self mogħti bis-saħħa tal-Faċilità għall-Ukrajna[30]).

L-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self lill-Istati Membri tal-UE u minn self reċenti lill-Ukrajna mhumiex ipprovduti ex ante. Minflok, dawn appoġġati bil-possibbiltà li jintalbu "riżorsi proprji" addizzjonali mill-Istati Membri skont il-qafas baġitarju tal-UE (sal-limiti tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji, jiġifieri l-użu tal-"marġni ta' manuvra" tal-baġit).

Dan ifisser li, jekk benefiċjarju ma jonorax l-obbligi tiegħu lejn l-UE, l-UE tkun intitolata – bħala l-aħħar alternattiva u biss wara li tkun eżawriet il-possibbiltajiet l-oħra kollha biex issib soluzzjonijiet fi ħdan il-qafas baġitarju eżistenti – li titlob lill-Istati Membri jkopru temporanjament l-ammont inkwistjoni. Tali sejħiet għal fondi jsiru lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, iżda f'konformità sħiħa mal-limitu massimu tar-riżorsi proprji.

Tradizzjonalment is-self ingħata lill-Istati Membri tal-UE bl-użu tal-istess teknika dahar ma' dahar li ntużat għall-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi. B'kuntrast ma' dan, is-self tal-RRF, u s-self taħt l-Istrument tal-AMF+ tal-Ukrajna (u taħt il-Faċilità għall-Ukrajna mill-2024 'il quddiem) huma ffinanzjati permezz tal-approċċ ta' finanzjament unifikat[31].

Fl-2023, il-Kummissjoni, li taġixxi f'isem l-UE, operat ħames programmi ewlenin li taħthom tat self lill-Istati Membri. Dawn il-ħames programmi huma diskussi fil-ħames punti ta' hawn taħt:

- Il-**Faċilità tal-BoP** inħolqot fl-2002 biex tgħin lill-pajjiżi tal-UE barra miż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew li jkollhom ir-riskju li jesperjenzaw diffikultajiet fil-bilanċ tal-pagamenti.

---

27 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

28 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1). Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1360 tal-4 ta' Awwissu 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 407/2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 210, 7.8.2015, p. 1).

29 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1).

30 Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna. Ara l-Kaxxa 1 hawn taħt għad-dettalji.

31 Fi tmiem l-2022, flimkien mal-adozzjoni tal-ħekk imsejjaħ strument "AMF+" li kien imfassal biex jgħin lill-Ukrajna tkopri parti mill-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha fuq terminu qasir, l-approċċ ta' finanzjament unifikat ġie stabbilit bħala l-metodu bażi għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet kollha ta' teħid b'self inklużi l-AMF. Taħt din l-istrateġija ta' finanzjament, il-Kummissjoni toħroġ bonds tal-UE b'marka unika u talloka r-rikavati għal finanzjament kollettiv ċentrali li minnu jiġu ffinanzjati l-programmi ta' politika differenti tal-UE. Essenzjalment, l-approċċ ta' finanzjament unifikat jagħmilha possibbli li l-iżborż tas-self lil Stat Membru jew lil pajjiż terz jitneħħa kompletament mill-ħruġ tal-bonds tal-UE. Skont l-NGEU, il-Kummissjoni tissellef ukoll fis-swieq biex tiffinanzja appoġġ mhux ripagabbli (inklużi l-għotjiet tal-RRF). Il-ħlas lura ta' dawn l-operazzjonijiet ta' teħid b'self huwa kopert permezz tal-approprjazzjonijiet tal-baġits annwali futuri, fi ħdan il-limiti massimi tal-Oqfsa Finanzjarji Pluriennali, u b'hekk fil-prinċipju ma jikkostitwixxix obbligazzjoni kontinġenti għall-UE. Madankollu, l-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tal-NGEU (jiġifieri biex jiffinanzjaw self taħt l-RRF) jagħtu lok għal obbligazzjonijiet kontinġenti ġodda u huma indirizzati f'dan ir-rapport.

- L-**EFSM** ġie stabbilit fl-2010 biex jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri tal-UE li qed jesperjenzaw jew huma mhedda minn diffikultajiet finanzjarji severi kkawżati minn okkorrenzi eċċezzjonali lil hinn mill-kontroll tagħhom.
- Il-**Faċilità ta' Self tal-Euratom**.
- Il-programm **SURE** ġie miftiehem f'Ġunju 2020 biex jgħin fil-finanzjament ta' żidiet f'daqqa u severi fin-nefqa pubblika nazzjonali relatata ma' skemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili b'rispons għall-kriżi tal-COVID-19. Peress li dan l-istrument ta' emerġenza ġie stabbilit qabel ma daħlet fis-seħħ iż-żieda fil-limitu massimu tar-riżorsi proprji u l-marġni ta' manuvra, l-Istati Membri kollha qablu li jipprovdu garanziji irrevokabbli, mingħajr kundizzjonijiet u fuq talba għal 25 % tal-ammont massimu ta' assistenza finanzjarja[32]. Kull Stat Membru jikkontribwixxi għall-ammont kumplessiv tal-garanzija b'mod li huwa proporzjonat għas-sehem relattiv tiegħu fl-introjtu nazzjonali gross totali tal-UE (abbażi tal-baġit tal-UE għall-2020).
- L-**RRF** hija l-pilastru ċentrali tal-programm NextGenerationEU (NGEU) (2020)[33] u hija strument temporanju biex jiġu appoġġati r-riformi u l-investimenti fl-Istati Membri tal-UE bl-għan aħħari li jiġi ffaċilitat l-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li jiġu megħjuna t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

  Skont l-istrument tal-UE għall-irkupru, il-Kummissjoni tissellef fondi li l-RRF imbagħad tuża sabiex tiffinanzja r-riformi u l-investimenti tal-Istati Membri. Il-finanzjament jista' jkun jew self (appoġġ ripagabbli) jew għotja (appoġġ mhux ripagabbli).

  It-teħid b'self kollu tal-NGEU, li jammonta għal EUR 284 biljun fi tmiem l-2023, huwa ggarantit mill-baġit tal-UE skont l-Artikolu 9(4) tal-ORD permezz ta' żieda temporanja tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 0,6 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-UE, li huwa esklużivament disponibbli għall-obbligazzjonijiet tal-NGEU. Is-self taħt l-RRF biss (għall-kuntrarju tal-għotjiet tal-RRF) jagħti lok għal obbligazzjonijiet kontinġenti, u għalhekk f'din l-analiżi jitqies biss is-self taħt l-RRF. Huwa importanti li jiġi enfasizzat, kif imsemmi hawn fuq, li l-finanzjament tas-self tal-RRF huwa ffinanzjat permezz tal-approċċ ta' finanzjament unifikat.

Tabella 4: Ammonti pendenti fir-rigward ta' self iggarantit minn marġni ta' manuvra (fil-31 ta' Diċembru 2023) (f'miljuni ta' EUR)

	Self pendenti	Imgħax dovut	Total
Faċilità tal-BoP	200	1	**201**
Euratom	13	0	**13**
EFSM	42 800	411	**43 211**
SURE	98 355	104	**98 459**
RRF (self)	79 240	349	**79 589**
AMF+	18 000	270	**18 270**
Total	**238 608**	**1 135**	**239 743**

[32] Minbarra l-garanzija pprovduta mill-Istati Membri kollha, hemm għadd ta' salvagwardji stabbiliti fir-Regolament SURE biex jittaffa r-riskju mill-obbligazzjonijiet kontinġenti ta' SURE. Dawn jinkludu limitu ta' konċentrazzjoni fuq l-akbar tliet selfiet ta' 60 % tal-ammont massimu mogħti taħt SURE, skopertura annwali massima ta' 10 % (jiġifieri pagamenti dovuti kull sena ma jistgħux jaqbżu EUR 10 biljun), u l-possibbiltà li l-Kummissjoni tirriporta t-teħid b'self tagħha jekk ikun meħtieġ.

[33] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 23).

It-tabella 5 ta' hawn taħt tippreżenta l-ammonti tal-ħlasijiet lura annwali totali (kapital + imgħax) dovuti mill-benefiċjarji kollha tas-self tal-UE mogħti fil-kuntest tal-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u l-istrument tal-AMF+.

Għal kull waħda mis-snin taħt kunsiderazzjoni, dawn l-ammonti jipprovdu indikatur tal-fluss tal-ħruġ massimu teoretiku li għandu jiġi kopert mill-baġit tal-UE fir-rigward tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-assistenza finanzjarja lill-Istati Membri u l-iskoperturi tal-AMF+. Madankollu, il-baġit tal-UE identifika riżorsi baġitarji biex jissodisfa l-pagamenti li jirriżultaw mill-bonds tiegħu fi kwalunkwe ħin inkluż fis-sitwazzjoni estrema u bla preċedent li fiha benefiċjarju wieħed jew aktar ikunu inadempjenti simultanjament fuq is-self tagħhom lill-UE.

Tabella 5: L-iskeda annwali ta' ħlas lura ta' self pendenti appoġġat minn marġni ta' manuvra (kapital + imgħax) taħt il-programmi eżistenti għas-snin 2024-2029 (fil-31 ta' Diċembru 2023) (EUR miljun)

Year	Euratom	BoP	EFSM	SURE	RRF loans (*)	MFA+ (**)	All programmes
2024	14	6	3 317	327	918	419	**5 001**
2025	0	206	3 069	8 327	917	567	**13 086**
2026	0	0	6 857	8 327	917	566	**16 667**
2027	0	0	3 531	327	917	566	**5 341**
2028	0	0	2 756	10 327	919	567	**14 569**
2029	0	0	1 790	8 464	917	567	**11 738**
Total	**14**	**212**	**21 320**	**36 099**	**5 505**	**3 252**	**66 402**

(*) Imgħax għal self taħt l-RRF bis-saħħa tal-programm NGEU huwa kkalkulat fuq bażi kontinwa skont metodoloġija speċifika (ara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022)9701 final tad-19.12.2022). L-imposta annwali tal-imgħax għal dan is-self ippreżentat hawn fuq hija għalhekk stima bbażata fuq il-kundizzjonijiet ta' finanzjament attwali.

(**) F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament 2022/2463, kull sena l-UE, fuq talba tal-Ukrajna, tista' tagħti sussidju tar-rata tal-imgħax biex tkopri l-kostijiet tal-imgħax relatati mas-self tal-AMF+.


Meta jitqies is-self pendenti kollu fi tmiem l-2023, fil-perjodu 2028–2054 il-ħlasijiet lura annwali (kapital + imgħax) fir-rigward ta' self appoġġat mill-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji jammontaw għal medja ta' EUR 5,4 biljun. Il-ħlasijiet lura annwali medji (kapital + imgħax) għas-self tal-RRF, appoġġati bil-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji, jammontaw għal EUR 3,5 biljun matul l-istess perjodu.

2.4 Ħarsa ġenerali lejn l-obbligazzjonijiet kontinġenti fi tmiem l-2023

Fi tmiem l-2023, il-baġit tal-UE kien espost għal obbligazzjonijiet kontinġenti għal ammont totali ta' **EUR 255 biljun** relatati ma' self mogħti lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi, u **EUR 108 biljun** relatati ma' garanziji pprovduti permezz tal-FEIS, InvestEU, ELM, EFSD, u EFSD+. L-akbar

skopertura għall-bażit tal-UE oriġinat minn programmi ta' assistenza finanzjarja mmirati lejn l-Istati Membri.


Illustrazzjoni 1: Tqassim tal-obbligazzjonijiet kontinġenti skont is-sors kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2023



(*) Abbażi tal-ammont totali ta' "garanzija disponibbli ffirmata mal-kontropartijiet" (ara t-Tabella 1).

L-importanza dejjem tikber tal-garanziji bażitarji u tal-programmi ta' assistenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE tidher fix-xejra kostanti 'l fuq fil-perjodu 2021–2023. Ġiet irreġistrata żieda aktar moderata ta' 16 % fl-ammont totali bejn tmiem is-sena 2022 u tmiem is-sena 2023 meta mqabbla maż-żieda ta' 40 % li dehret bejn tmiem is-sena 2021 u tmiem is-sena 2022.

Illustrazzjoni 2: Diżaggregazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti skont is-sors fil-perjodu 2021–2023 (EUR biljun)



Ġiet irreġistrata żieda moderata fis-self lill-Istati Membri (+ 16 %) bejn tmiem is-sena 2022 u tmiem is-sena 2023, b'mod partikolari minħabba żborżi ta' self addizzjonali taħt l-RRF. L-assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi żdiedet b'aktar mid-doppju, l-aktar fir-rigward tal-isforzi straordinarji biex l-Ukrajna tiġi appoġġata finanzjarjament, filwaqt li l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-programmi ta' garanzija bażitarja baqgħu fil-biċċa l-kbira stabbli. Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet li tirriżulta mill-programmi ta' garanzija bażitarja minħabba l-bidu tal-fażi ta'

implimentazzjoni għal InvestEU u EFSD+ ġiet ikkumpensata kważi kompletament mit-tnaqqis fl-iskoperturi tal-ELM u tal-FEIS minħabba żieda fir-rimborż mir-riċevituri finali.

L-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE huma mistennija li jiżdiedu aktar sa tmiem l-2024 fir-rigward ta': (i) l-appoġġ addizzjonali lil pajjiżi terzi (b'mod partikolari taħt il-Faċilità għall-Ukrajna); (ii) l-iżborżi addizzjonali tas-self taħt l-RRF; u (iii) aktar progress fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' garanzija baġitarja (InvestEU, EFSD + u l-Faċilità għall-Ukrajna).

3. Il-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE

3.1 Qafas ta' valutazzjoni

Mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni tal-proviżjonament ta' ċerti obbligazzjonijiet finanzjarji tul il-ħajja kollha tagħhom li hija meħtieġa meta jiġġarrbu l-obbligazzjonijiet, l-Artikolu 213(3) tar-Regolament Finanzjarju jistipula li "l-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mill-garanziji baġitarji jew mill-assistenza finanzjarja mġarrba mill-baġit għandhom jitqiesu bħala sostenibbli, jekk l-evoluzzjoni pluriennali prevista tagħhom hija kompatibbli mal-limiti ffissati mir-regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu 312(2) TFUE u l-limitu massimu fuq approprjazzjonijiet ta' pagament annwali stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2020/2053/UE, Euratom." (jiġifieri l-limiti massimi tal-QFP u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji).

Dan ifisser li r-riżorsi li l-UE tista' tuża f'sena waħda taħt il-QFP attwali (limitu massimu tar-riżorsi proprji) għandhom ikunu biżżejjed biex jiffinanzjaw n-nefqiet li jirriżultaw taħt il-QFP kif ukoll kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti li tista' timmaterjalizza.

B'mod partikolari, il-pagamenti relatati ma' **obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati** għal garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi jridu jiġu ffinanzjati mill-provvedimenti stabbiliti u kwalunkwe pagament ulterjuri ppjanat taħt il-QFP. It-Taqsima 3.2 ta' dan ir-rapport tippreżenta l-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-provvedimenti disponibbli biex jiġu ssodisfati l-pagamenti mistennija u mhux mistennija li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi għall-obbligazzjonijiet kif kienu fi tmiem l-2023.

Il-pagamenti relatati mal-materjalizzazzjoni ta' **obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn assistenza finanzjarja appoġġata minn marġni ta' manuvra** lill-Istati Membri tal-UE u lill-Ukrajna jistgħu jiġu ffinanzjati billi jintalbu riżorsi proprji addizzjonali sal-limitu massimu stabbilit mid-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji. Il-marġni ta' manuvra (jiġifieri d-differenza bejn il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u r-riżorsi proprji meħtieġa għall-finanzjament tal-infiq tal-baġit tal-UE) jirrappreżenta l-kapaċità finanzjarja tal-UE li tkopri flussi tal-ħruġ addizzjonali relatati mal-materjalizzazzjoni ta' obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn assistenza finanzjarja appoġġata minn marġni ta' manuvra. Il-qafas ta' valutazzjoni għal dan is-sett ta' obbligazzjonijiet kontinġenti ġie deskritt fid-dettall fir-rapport tal-2021 skont l-ex Artikolu 250 tar-Regolament Finanzjarju[34]. Ir-riżultati tal-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti minn marġni ta' manuvra eżistenti fi tmiem l-2023 huma ppreżentati fit-Taqsima 3.3 hawn taħt. Id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji tal-2020 iżżid temporanjament il-limitu massimu tar-riżorsi proprji biex tkopri l-obbligazzjonijiet imġarrba matul l-implimentazzjoni tal-NGEU, inkluż l-obbligazzjonijiet kontinġenti appoġġata minn marġni ta' manuvra li jirriżultaw minn self taħt l-RRF lill-Istati Membri.

3.2 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati

a) Il-proviżjonament disponibbli fi tmiem l-2023

[34] COM(2021) 676 final tal-5.11.2021.

Obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn garanziji baġitarji u minn assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi huma previsti fil-baġit tal-UE abbażi ta' valutazzjoni konservattiva tat-telf mistenni għal kull strument flimkien ma' riżerva ta' sikurezza addizzjonali (biex jiġi indirizzat telf mhux mistenni). Il-provvedimenti li jipproteġu l-baġit tal-UE kontra telf li jista' jirriżulta minn garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi jinżammu fil-kompartimenti tas-CPF. Fil-31 ta' Diċembru 2023, is-CPF kien magħmul minn 16-il kompartiment (li 13 minnhom kienu kompletament operazzjonali u kien fihom il-fondi), inkluż il-kompartimenti għall-programmi ta' garanzija kollha li għaddejjin, il-kompartiment tal-Fond ta' Garanzija għall-Azzjoni Esterna (GFEA, Guarantee Fund for external actions) (li jkopri self ta' legat ELM, Euratom u AMF) u dawk għas-self tal-AMF u tal-Euratom ta' wara l-2020.

B'mod partikolari, is-self tal-AMF u tal-Euratom huwa appoġġat minn kompartimenti differenti tas-CPF:

- l-iskoperturi ta' legat (EUR 7,9 biljun ta' self tal-AMF u EUR 300 miljun ta' self tal-Euratom) huma parti mill-kompartiment tal-GFEA;
- is-self il-ġdid tal-AMF (EUR 1,4 biljun), inkluż is-self ta' emerġenza tal-AMF lill-Ukrajna, impenjat fl-2022 u fl-2023 huwa fil-kompartiment tal-AMF ta' wara l-2020;
- is-self eċċezzjonali tal-AMF lill-Ukrajna ta' EUR 6 biljun (AMF I u AMF II eċċezzjonali) jinsab f'kompartiment separat li għadu kif inħoloq minħabba li dan is-self jibbenefika minn kopertura supplimentari tar-riskji (jiġifieri għal dan il-pakkett eċċezzjonali ta' self tal-AMF lill-Ukrajna, hija meħtieġa rata ta' kopertura ta' 70 %: 9 % tal-proviżjonament imħallas mill-baġit tal-UE u 61 % tal-garanziji eżerċitabbli mill-Istati Membri).

Fil-31 ta' Diċembru 2023, il-valur tas-suq tal-assi netti fis-CPF kien jammonta għal EUR 18,8 biljun, żieda minn EUR 14,39 biljun fi tmiem l-2022[35]. Għas-snin li jifdal ta' dan il-QFP, il-Kummissjoni diġà assenjat provvedimenti ulterjuri lis-CPF (b'mod partikolari dispożizzjonijiet relatati ma' InvestEU, l-EFSD+ u l-Pilastru 2 tal-Faċilità għall-Ukrajna), li se jwasslu għal żieda ulterjuri fis-CPF.

Skont il-Linji Gwida tiegħu dwar il-Ġestjoni tal-Assi, is-CPF iżomm portafoll likwidu diversifikat, li primarjament jinvesti fi strumenti ta' dejn bi klassifikazzjoni għolja, bħal bonds maħruġa minn gvernijiet, supranazzjonali, aġenziji tal-istat u korporattivi bl-għan li jipprovdi preservazzjoni tal-kapital matul l-orizzont tal-investiment tiegħu. Il-portafoll tas-CPF fi tmiem is-sena kien diversifikat sew fil-klassijiet differenti ta' assi f'introjtu universali fiss eliġibbli, inkluż xi skopertura limitata għal titoli denominati mhux f'euro (USD), fondi nnegozjati fil-borża ta' ekwità (ETFs) u flus jew ekwivalenti ta' flus.

Fl-2023, is-CPF kiseb redditu annwali ta' +5,21 %, ġeneralment f'konformità mal-parametru referenzjarju tal-portafoll tiegħu (+5,40 %)[36].

b) Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-garanziji baġitarji

Bħala rimarka preliminari, il-garanziji baġitarji tal-UE jvarjaw sostanzjalment f'termini tal-objettivi tal-politika, l-istrutturi tal-kondiviżjoni tar-riskju u l-profil tar-riskju tal-operazzjonijiet sottostanti. Min-naħa tiegħu, dan jista' jwassal għal rata ta' proviżjonament differenti għal programmi differenti, ibbażata fuq valur fir-riskju (VaR, value-at-risk)[37] tul il-ħajja li tiżgura kopertura xierqa tat-telf potenzjali f'ċertu livell ta' fiduċja (predefinit). Għalkemm f'xi każijiet il-provvedimenti disponibbli fi tmiem l-2023 kienu kemxejn aktar baxxi mill-VaRs rispettivi bil-livell ta' fiduċja

[35] Fl-2023, is-CPF irċieva EUR 3,53 biljun f'kontribuzzjonijiet netti mill-baġit tal-UE jew li kkontribwew l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiżi tal-EFTA.

[36] Għal informazzjoni addizzjonali ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-fond ta' proviżjonament komuni fl-2023.

[37] Il-VaR jista' jiġi definit bħala l-livell ta' telf tal-portafoll li, statistikament, fuq ċertu perjodu ta' żmien, ma jinqabiżx b'ċertu livell ta' fiduċja. Il-livelli ta' fiduċja rispettivi għall-programmi interni (FEIS, InvestEU) u għall-programmi esterni (EFSD, EFSD+) huma ta' 95 % u 90 % rispettivament u jqisu fatturi bħall-objettivi ta' politika differenti u l-oqfsa rispettivi.

applikabbli, il-konklużjoni tal-adegwatezza tal-proviżjonament hija mirfuda minn diversi elementi inkluż il-fażi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-garanzija (kostitwita kompletament jew mhux kostitwita bis-sħiħ), u r-regoli speċifiċi ta' proviżjonament għall-garanziji baġitarji rispettivi (eż. għall-ELM).

Il-konklużjonijiet li ġejjin jistgħu jinsiltu mid-*data* disponibbli dwar it-telf nett tul il-ħajja fil-31 ta' Diċembru 2023 dwar il-garanziji baġitarji fis-seħħ f'dik id-data:

- Għall-**FEIS**, ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju mwettqa abbażi ta' mudell ta' riskju ta' kreditu għal operazzjonijiet ta' dejn tal-IIW[38] u fuq ġudizzju espert għal ekwità IIW u SMEW u prodotti ta' dejn SMEW, jindikaw ammont ta' VaR ta' EUR 7,4 biljun f'livell ta' fiduċja tul il-ħajja ta' 95 %. Dan il-VaR huwa kopert bis-sħiħ mill-provvedimenti tal-FEIS disponibbli bħalissa ta' EUR 9,2 biljun [39].
- Għall-**EFSD**, ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju jindikaw ammont ta' VaR tul il-ħajja ta' EUR 700,7 miljun fil-livell mixtieq ta' fiduċja tul il-ħajja ta' 90 %. Dan l-ammont huwa kopert kompletament mill-valur tas-suq tal-kompartiment tas-CPF tal-EFSD sa tmiem l-2023 (EUR 765 miljun).
- Il-programm **ELM**, fid-diversi mandati tiegħu, esperjenza xi deterjorament fil-metriċi ewlenin tar-riskju ta' kreditu tiegħu parzjalment minħabba l-fatt li l-ELM għandu skoperturi Ukreni ta' legat ta' EUR 2,3 biljun[40]. Ir-riżultati tal-analiżi tar-riskju jindikaw ammont ta' VaR ta' EUR 3,2 biljun fil-livell ta' fiduċja ta' 90 % matul il-ħajja sħiħa tal-garanzija li jaqbeż il-proviżjonament *pro rata* korrispondenti fil-kompartiment tas-CPF (EUR 2,3 biljun). F'dan ir-rigward irid jiġi enfasizzat li l-ELM huwa strument antik mingħajr livell ta' fiduċja predefinit li jsegwi regoli speċifiċi u ta' proviżjonament żejjed. Il-kompartiment tal-GFEA (li fih jinżamm l-ELM) jiżdied fuq bażi annwali jekk il-proviżjonament jaqa' taħt id-9 % tal-ammonti żborżati pendenti garantiti. Barra minn hekk, l-ELM jikkonsisti fl-amortizzazzjoni ta' self b'perjodi twal ta' ħlas lura, fejn it-telf għandu t-tendenza li jikkristallizza b'mod mhux f'daqqa.
- Għal **InvestEU** u l-**EFSD+**, minħabba li ż-żieda tal-programmi għadha fi stadju bikri u l-ewwel operazzjonijiet ġew iffirmati fl-2022, huwa prematur li wieħed jasal għal kwalunkwe konklużjoni dwar l-adegwatezza tal-proviżjonament.

c) Valutazzjoni tas-sostenibbiltà ta' self proviżjonat lil pajjiżi terzi

Il-kompożizzjoni tal-portafoll tas-self tal-AMF pendenti lil pajjiżi terzi tinkludi self lil sett diversifikat ta': (i) il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali tal-UE; (ii) il-pajjiżi u t-territorji koperti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat; u (iii) pajjiżi terzi oħra li għandhom rwol determinanti fl-istabbiltà reġjonali u li huma ta' importanza strateġika għall-UE, u li huma politikament, ekonomikament u ġeografikament qrib l-UE.

Il-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fit-tliet punti ta' hawn taħt jappoġġaw l-adegwatezza kontinwa tar-rata ta' proviżjonament fil-mira kumplessiva ta' 9 % għas-self tal-AMF.

- Il-pożizzjoni ekonomika tal-benefiċjarji tal-AMF (filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-PDG ras għal ras, il-maturità relattiva tal-ekonomija, il-prossimità għall-ekonomija tal-UE, eċċ.).
- Il-kundizzjonijiet imposti għas-self tal-AMF għandhom rekord sodisfaċenti fl-implimentazzjoni ta' programm tal-FMI, li jipprovdi fiduċja fil-vijabbiltà finanzjarja tal-pajjiż terz u l-ħlas lura sħiħ tal-fondi tal-UE.
- Valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-benefiċjarji tal-AMF u l-iżviluppi makroekonomiċi reċenti fil-pajjiżi sħab li turi li fl-2023 il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi rrapportaw irkupru solidu wara

[38] Għal dettalji dwar il-valutazzjoni tar-riskju ara r-rapport tal-Artikolu 41(5).

[39] Il-proviżjonament attwali tal-FEIS huwa ogħla mill-provvedimenti legalment meħtieġa (35 % tal-ammont tal-garanzija totali ffirmata mal-kontropartijiet) bi EUR 859 miljun. Dan is-surplus, f'konformità mal-provvedimenti tal-Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku (PSLF, Public Sector Loan Facility) u r-Regolament InvestEU, se jiġi allokat għall-finanzjament tal-PSLF u l-proviżjonament ta' InvestEU.

[40] Ġew żborżati wkoll EUR 1,3 biljun oħra ta' self tal-ELM bi skop ġdid. Dawn huma soġġetti għal rata ta' proviżjonament ta' 70 % u huma appoġġati minn kompartiment iddedikat (ara l-Kaxxa 1 hawn taħt)

l-COVID-19. Madankollu, il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna żiedet l-inċertezza ekonomika, aggravat il-kriżi tal-enerġija u kkontribwiet għal inflazzjoni għolja tal-ikel u tal-enerġija fir-reġjun. Il-perspettiva ġeopolitika għall-benefiċjarji li jinsabu fil-Lvant Nofsani kompliet tiddeterjora wara l-kunflitt fl-Istrixxa ta' Gażа wara l-attakk terroristiku tal-Ħamas f'Ottubru 2023, għalkemm l-impatt ekonomiku (permezz tal-kummerċ, it-turiżmu u l-konsum) fuq ir-reġjun b'mod ġenerali s'issa huwa limitat.

Dwar ir-riskju tal-likwidità, wieħed għandu jżomm f'moħħu wkoll li l-istruttura attwali tas-self, il-maturitajiet u l-ħlasijiet lura tal-AMF mill-benefiċjarji huma mifruxa sew fuq QFP attwali u sussegwenti u b'hekk jitnaqqas id-daqs tal-iskopertura tal-baġit tal-UE jekk ikun hemm avveniment ta' dewmien jew inadempjenza.

Kaxxa 1: Obbligazzjonijiet kontinġenti tal-UE li jirriżultaw mill-appoġġ finanzjarju tal-UE lill-Ukrajna – Żviluppi ewlenin fl-2024

Mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fl-2022, l-UE pprovdiet b'mod konsistenti appoġġ politiku, ekonomiku, militari, finanzjarju u umanitarju b'saħħtu lill-Ukrajna. Is-sett sħiħ ta' skoperturi diretti u indiretti għall-Ukrajna (kapital) taħt il-programmi eżistenti fit-30 ta' Ġunju 2024 huwa ppreżentat fit-Tabella 6 hawn taħt.

Il-mezz ewlieni għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna għall-perjodu 2024–2027 huwa **l-Faċilità għall-Ukrajna**, b'kapaċità ġenerali sa EUR 50 biljun għall-2024–2027. L-appoġġ se jingħata fil-forma ta' self, għotjiet u garanziji abbażi tat-tliet pilastri deskritti hawn taħt.

- Pilastru 1 (Appoġġ lill-Ukrajna permezz tal-pjan għall-Ukrajna): dan il-pilastru jinvolvi l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-Ukrajna, li tammonta għal EUR 38,27 biljun, li tinkludi kemm għotjiet (EUR 5,27 biljun) kif ukoll self (EUR 33 biljun). Is-self żborżat taħt il-Faċilità għall-Ukrajna, bħal dak mogħti taħt il-pakkett tal-AMF+, huwa ffinanzjat permezz ta' self u appoġġat mill- "marġni ta' manuvra".
- Pilastru 2 (Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna): bi kważi EUR 7 biljun ta' allokazzjoni tal-baġit tal-UE, dan il-pilastru għandu l-għan li jattira u jimmobilizza l-investimenti pubbliċi u privati għall-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Biex jiġi implimentat il-Pilastru 2, ġiet stabbilita Garanzija tal-Ukrajna ta' EUR 7,8 biljun b'rata ta' proviżjonament ta' 70 % (u EUR 1,51 biljun disponibbli għall-finanzjament imħallat).
- Pilastru 3 (appoġġ mhux ripagabbli ta' EUR 4.6 biljun): dan il-pilastru se jkopri, fost affarijiet oħra, is-sussidju tar-rata tal-imgħax għas-self eċċezzjonali tal-AMF u għas-self mogħti taħt il-Pilastru I.

Is-self tal-Faċilità għall-Ukrajna huwa pprovdut b'konċessjonalità għolja, minħabba s-sussidjar tal-imgħax u l-perjodu twil ta' ħlas lura ta' 35 sena, b'perjodu ta' konċessjoni ta' 10 snin. Dan inaqqas il-piż annwali fuq il-finanzi pubbliċi tal-Ukrajna filwaqt li jimminimizza wkoll ir-riskji għall-baġit tal-UE. Fl-ewwel nofs tal-2024 ġie żborżat self għal ammont totali ta' EUR 7,9 biljun taħt il-Faċilità għall-Ukrajna (EUR 4,5 biljun f'Marzu, EUR 1,5 biljun f'April u EUR 1,9 biljun f'Ġunju). Barra minn hekk, fl-ewwel nofs tal-2024 ġew iffirmati ftehimiet ta' garanzija biex jappoġġaw l-operazzjonijiet fl-Ukrajna b'valur totali ta' EUR 940 miljun taħt il-Garanzija għall-Ukrajna.

Il-kopertura baġitarja għall-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self lill-Ukrajna mill-2023 ġiet ipprovduta mill-marġni ta' manuvra baġitarju (diskuss fit-taqsima li jmiss). Is-self mogħti lill-Ukrajna lejn tmiem l-2022 (EUR 6 biljun tal-AMF u l-EUR 1,59 biljun f'self bi skop ġdid taħt l-ELM) huwa soġġett għal kopertura baġitarja ta' 70 %[41]. F'konformità mal-Artikolu

[41] Filwaqt li għas-self tal-ELM bi skop ġdid, il-kopertura se tieħu l-forma ta' proviżjonament imħallas iffinanzjat mill-baġit tal-UE, l-istess effett jinkiseb għall-AMF eċċezzjonali billi tiġi ssupplimentata r-rata ta' proviżjonament imħallas fil-livell ta' 9 % b'garanziji mill-Istati Membri biex tiġi koperta t-tieni parti ta' telf sa 61 % tal-iskoperturi tas-self.

13 tad-Deċiżjoni AMF II, il-Kummissjoni rrieżaminat l-adegwatezza tar-rata ta' proviżjonament ta' 70 % fl-aħħar ta' Ġunju 2024 fil-kuntest tar-Rapport tal-Artikolu 41(5) u kkonkludiet li għall-perjodu taħt eżami ma kien hemm l-ebda element dejjiemi u sinifikanti suffiċjenti li jiġġustifika t-tibdil fir-rata ta' proviżjonament ta' 70 %.

Dik il-konklużjoni kienet ibbażata kemm fuq valutazzjoni kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva tar-riskji kif kienu fi tmiem l-2023[42]. L-aktar valutazzjoni reċenti mill-FMI tikkonferma li ż-żamma ta' dan il-livell ta' proviżjonament hija approċċ prudenti[43] [44].

Tabella 6: Skoperturi diretti u indiretti pendenti għall-Ukrajna (kapital) taħt il-programmi eżistenti (fit-30 ta' Ġunju 2024) (EUR miljun)

Skoperturi diretti	Ammont pendenti	Kopertura baġitarja
AMF ta' legat	3 810	9 %
Self ta' legat tal-Euratom	300	9 %
AMF ta' emerġenza	1 200	9 %
AMF eċċezzjonali I + II	6 000	9 % (+61 % garanziji tal-Istati Membri)
AMF+	18 000	Marġni ta' manuvra
Faċilità għall-Ukrajna – Pilastru I	7 890	Marġni ta' manuvra
Total	**37 200**	
Skoperturi indiretti		
Self tal-ELM żborżat qabel Frar 2022	1 708	9 %
L-ewwel pakkett tal-BEI taħt l-ELM	668	9 %
It-tieni pakkett tal-BEI taħt l-ELM	1 338	70 %
Self tal-BERŻ taħt l-EFSD	103	50 %
Garanzija għall-Ukrajna	940	70 %

[42] Minbarra għadd ta' indikaturi tar-riskju, l-elementi li ġew ikkunsidrati fil-valutazzjoni kwalitattiva kienu jinkludu: (i) it-tielet rieżami tal-FMI tal-arranġament estiż skont il-Faċilità Estiża tal-Fond ippubblikat f'Marzu 2024; (ii) l-adozzjoni u d-dħul tal-operazzjonijiet tal-Faċilità tal-Ukrajna tal-UE; u (iii) il-pakkett ta' appoġġ tal-Istati Uniti ta' Mejju 2024. B'mod partikolari l-FMI pprovda stampa mħallta fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja u makroekonomika tal-pajjiż f'dak iż-żmien. Mil-lat pożittiv, l-FMI enfasizza li l-ekonomija fl-2023 kienet aktar reżiljenti milli mistenni, bi tkabbir raġonevolment robust, diżinflazzjoni kontinwa, u ċifri tajbin ta' riżervi ta' muniti barranin. Min-naħa negattiva, l-FMI wissa li kienu qed jerġgħu jitfaċċaw problemi fl-2024, bit-tkabbir mistenni li jtaffi għal 3-4 % minħabba l-inċertezza dwar il-gwerra li għaddejja u r-restrizzjonijiet fuq il-provvista ta' ħaddiema, inkluż mill-mobilizzazzjoni antiċipata. Fil-fehma tal-FMI, il-prospettiva baqgħet soġġetta għal riskji negattivi eċċezzjonalment għoljin li jirriżultaw minn fatturi relatati mal-gwerra, nuqqasijiet potenzjali fil-finanzjament estern u l-impatt soċjoekonomiku ta' politiki li jistgħu jkunu meħtieġa jekk ix-xokkijiet jimmaterjalizzaw.

[43] Ir-raba' rieżami tal-FMI tal-arranġament estiż skont il-Faċilità Estiża tal-Fond ikkonkluda li filwaqt li l-ekonomija tal-Ukrajna kienet aktar reżiljenti milli mistenni fl-ewwel trimestru tal-2024, il-prospettiva għall-bqija tal-2024 u għall-2025 marret għall-agħar mit-tielet rieżami, l-aktar minħabba attakki devastanti fuq l-infrastruttura tal-enerġija Ukrena u inċertezza dwar it-tul tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna.
Ara l-Ukrajna:Ir-raba' Rieżami tal-Arranġament Estiż skont il-Faċilità ta' Fond Estiża, Talba għal Modifiki ta' Kriterju tal-Prestazzjoni, u Stqarrija għall-Istampa tar-Rieżami tal-Assigurazzjonijiet ta' Finanzjament; Rapport tal-Persunal; u Dikjarazzjoni mid-Direttur Eżekuttiv għall-Ukrajna (imf.org).

[44] Fl-aħħar ta' Awwissu 2024, il-gvern Ukren ħabbar il-konklużjonijiet b'suċċess tan-negozjati mad-detenturi ta' bonds kummerċjali dwar ir-ristrutturar ta' aktar minn USD 20 biljun ta' dejn estern.
Ara https://mof.gov.ua/en/news/ukraine_announces_successful_bondholders_vote_in_favor_of_debt_restructuring-4761.

Total	**4 757**

3.3 Valutazzjoni tas-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti garantiti b'marġni ta' manuvra

Il-kapaċità tal-baġit tal-UE li tipprovdi għal sitwazzjoni fejn l-iskopertura fir-rigward tal-obbligazzjonijiet kontinġenti ggarantiti b'marġni ta' manuvra timmaterjalizza tiġi vvalutata billi jiġi applikat il-qafas imsemmi fil-paragrafu 3.1 hawn fuq.

Għall-obbligazzjonijiet tal-NGEU, il-limitu massimu tar-riżorsi proprji żdied b'0,6 % tal-ING tal-UE esklużivament biex jiggarantixxi dan il-ħruġ. Dan jiżgura li l-UE jkollha l-mezzi biex tħallas lura l-imgħax u l-kapital fuq id-dejn maħruġ biex tiffinanzja appoġġ mhux rimborżabbli (għotjiet tal-RRF) tal-NGEU u self tal-RRF lill-Istati Membri. Peress li tal-ewwel se jitħallsu permezz ta' ammonti inklużi fl-ipprogrammar baġitarju annwali futur, is-self mill-RRF biss jirrappreżenta obbligazzjonijiet kontinġenti.

Għalhekk, il-marġni ta' manuvra huwa kkalkolat inkluż l-obbligazzjonijiet totali tal-NGEU, iżda l-analiżi tas-sensittività rrapportata f'din it-taqsima tiffoka speċifikament fuq il-materjalizzazzjoni tal-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self taħt l-RRF, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 213(3) tar-Regolament Finanzjarju.

L-ewwel pass huwa li jiġi stabbilit xenarju ċentrali (xenarju bażi) li jikkorrispondi għall-evoluzzjoni mistennija tal-infiq u l-kapaċità finanzjarja tal-UE fis-snin li ġejjin. Għas-snin sal-2027, dan huwa konformi mal-abbozz tal-baġit għall-2025 u l-previżjoni fit-tul tal-flussi ta' dħul u ħruġ futuri tal-baġit tal-UE.

Għas-snin 2028–2029, tintuża estrapolazzjoni sempliċi, li tieħu bħala referenza l-pagamenti annwali medji matul il-perjodu 2021–2027 miżjuda bir-rata ta' tkabbir tal-ING tal-UE. Din hija biss estrapolazzjoni mekkanika, li titwettaq biex f'dan ir-rapport jiġi pprovdut orizzont ta' analiżi twil biżżejjed. Ma għandhiex titqies bħala li tippreġudika bl-ebda mod il-proposta għall-QFP wara l-2027. Dawn l-estrapolazzjonijiet jassumu ħlas lura lineari tad-dejn tal-NGEU maħruġ matul is-snin 2021–2023, li jibda fl-2028.

Minbarra s-sena baġitarja attwali, il-marġni ta' manuvra disponibbli biex jiġu koperti l-obbligazzjonijiet kontinġenti eżistenti u ġodda fl-2025–2029 huwa bħala medja madwar **EUR 106,3 biljun** fis-sena fir-rigward tal-marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 1,4 % tal-ING tal-UE u madwar **EUR 111,7 biljun** fis-sena għal-limitu massimu temporanju ta' 0,6 % tal-ING tal-UE.

Ladarba jiġi stabbilit ix-xenarju ċentrali, erba' testijiet tal-istress addizzjonali jivvalutaw is-sostenibbiltà tal-obbligazzjonijiet kontinġenti eżistenti f'xenarji estremi fl-2024–2029. Aktar dettalji dwar dawn l-erba' testijiet tal-istress huma stabbiliti fil-paragrafi ta' hawn taħt.

1) **Test tal-istress fuq l-ekonomija.** Fix-xenarju ċentrali, l-ING tal-UE jsegwi l-projezzjonijiet għat-tkabbir reali u l-inflazzjoni stabbiliti fit-Tbassir Ekonomiku Ewropew tar-Rebbiegħa 2024 tal-Kummissjoni[45]. Għat-test tal-istress, ir-rati ta' tkabbir nominali proġettati huma inqas mix-xenarju bażi b'punt perċentwali għal kull sena tal-perjodu rrapportat[46].

   Dan inaqqas il-valur nominali tal-limitu massimu tar-riżorsi proprji u għalhekk il-marġni ta' manuvra disponibbli bi **EUR 8,2 biljun** fis-sena għall-ammonti "mhux ibbaġitjati" (marġni ta' manuvra) taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji u b'**EUR 5,2 biljun** taħt il-limitu massimu temporanju għall-NGEU matul il-perjodu 2025-2029.

[45] https://economy-finance.ec.europa.eu/document/download/c63e0da2-c6d6-4d13-8dcb-646b0d1927a4_en?filename=ip286_en.pdf.

[46] Dan huwa simili għat-test tal-istress fuq ix-"xenarju negattiv r-g" imwettaq fil-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn tal-Kummissjoni: Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn 2023 - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu).

2) **Test tal-istress fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit.** Dan ix-xenarju estrem jivvaluta jekk il-marġni ta' manuvra disponibbli jkunx biżżejjed jekk l-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha garantiti b'marġni ta' manuvra jimmaterjalizzaw fl-istess ħin. F'termini prattiċi, dan ikun ifisser li l-pajjiżi kollha li jibbenefikaw minn programmi ta' assistenza finanzjarja fl-istess ħin jonqsu milli jonoraw il-ħlasijiet lura tagħhom meta jkunu dovuti. L-ammonti inkwistjoni jirriflettu l-iskedi ta' ħlas lura fi tmiem l-2023 (ara t-Tabella 5 hawn fuq).

   Dan huwa xenarju estremament improbabbli li ma jqisx il-miżuri kollha li l-Kummissjoni tista' tieħu biex tevita sitwazzjoni bħal din (eż. l-iskedar mill-ġdid tad-dejn u l-ġestjoni attiva tal-flus kontanti). F'dan ix-xenarju, il-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji jitnaqqas b'medja ta' **EUR 10,5 biljun** fis-sena. L-obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self taħt l-RRF taħt l-NGEU jkunu komparattivament żgħar matul il-perjodu kkunsidrat (madwar **EUR 0,9 biljun** fis-sena f'pagamenti tar-rata tal-imgħax), peress li l-ħlas lura tal-ammont prinċipali tas-self taħt l-RRF se jibda biss fl-2032.

3) **Test tal-istress fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit.** F'dan ix-xenarju, in-nefqa tal-QFP hija proġettata għall-massimu teoretiku tagħha (jiġifieri l-limiti massimi possibbli għall-pagamenti tal-QFP u l-istrumenti speċjali individwali kollha, inkluż ir-riżerva għall-Ukrajna). Huwa importanti li jiġi enfasizzat li: (i) dan ma jirriflettix previżjoni minn isfel għal fuq u mhuwiex relatat ma' kwalunkwe aspettattiva reali fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-pagamenti tal-UE; u (ii) li fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit, kwalunkwe deċiżjoni biex jiżdied l-infiq (fil-limiti massimi tal-QFP) teħtieġ proposta mill-Kummissjoni u l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

   Bl-istess mod, għall-2028–2029, tintuża projezzjoni lineari sempliċi tal-limiti massimi tal-pagamenti attwali fil-futur, bl-użu tat-tbassir tat-tkabbir tal-ING, mingħajr preġudizzju għall-proposta tal-QFP li jmiss li se tinkludi wkoll limitu massimu għall-pagamenti. Dwar in-nefqa baġitarja biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' ħlas lura għall-appoġġ mhux ripagabbli tal-NGEU, ma hemm l-ebda limitu massimu speċifiku tan-nefqa fil-QFP 2021–2027. Għalhekk, għall-ħlas lura tad-dejn tal-NGEU, is-suppożizzjoni f'dan it-test tal-istress hija li l-ħruġ kollu tal-NGEU li jimmatura f'sena partikolari jitħallas lura. Ir-riportamenti tad-dejn ippjanati mhumiex għalhekk ikkunsidrati f'din is-sitwazzjoni ipotetika[47].


   Dan it-test tal-istress juri li l-marġni ta' manuvra huwa biżżejjed fix-xenarju fejn in-nefqa tilħaq il-massimu teoretiku. Il-marġni ta' manuvra li jirriżulta taħt il-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji jkun ta' medja ta' **EUR 85,3 biljun**, jiġifieri **EUR 12,9 biljun** inqas mix-xenarju bażi. Il-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji ta' 0,6 % tal-ING tal-UE li jiggarantixxi l-ħruġ tal-NGEU jitnaqqas b'medja ta' **EUR 19,5 biljun** fis-sena, għal livell ta' **EUR 92,2 biljun bħala medja** matul il-perjodu 2025–2029.

4) **Test tal-istress ikkombinat dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi, id-dħul u n-nefqa.** Dan huwa xenarju estrem li jikkombina x-xenarji sfavorevoli kollha deskritti fit-tliet punti ta' hawn fuq. Dan inaqqas il-marġni ta' manuvra taħt il-limitu massimu permanenti għal medja ta' EUR 66,7 biljun bħala medja, matul il-perjodu 2025–2029 u għal-limitu massimu temporanju għal **EUR 86,1 biljun**. Dawn l-ammonti jidhru li jikkostitwixxu riżerva kbira ta' sikurezza għall-kapaċità finanzjarja tal-UE biex tkopri l-obbligazzjonijiet tagħha (li jirriżultaw kemm minn operazzjonijiet mhux tal-NGEU kif ukoll minn operazzjonijiet tal-NGEU).


Ir-riżultati dettaljati għax-xenarji bażi u tat-test tal-istress huma pprovduti fl-Anness u miġbura fil-qosor fl-Illustrazzjonijiet 3 u 4 hawn taħt.

[47] L-obbligazzjonijiet kontinġenti relatati mas-self tal-RRF jitnaqqsu mill-obbligi tal-NGEU li jimmaturaw f'dan it-test tal-istress. Dan għaliex it-test tal-istress jiffoka fuq in-naħa tan-nefqa u mhux fuq in-naħa tad-dħul bħala test tal-istress 2.

Illustrazzjoni 3: Il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u l-ħtiġijiet tar-riżorsi proprji skont test bażi u testijiet ikkombinati tas-sensittività għal-limitu massimu permanenti ta' 1,4 % tal-ING tal-UE.



Illustrazzjoni 4: Il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u l-ħtiġijiet tar-riżorsi proprji skont test bażi u testijiet ikkombinati tas-sensittività għal-limitu massimu temporanju ta' 0,6 % tal-ING tal-UE.



4. Konklużjonijiet

Fi tmiem l-2023, il-baġit tal-UE appoġġa aktar minn **EUR 255 biljun** f'obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn self mogħti lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi. Minn dan, EUR 221 biljun huma relatati ma' self lill-Istati Membri tal-UE u EUR 34 biljun għal self lil Stati mhux Membri. Barra minn hekk, **EUR 108 biljun** oħra f'obbligazzjonijiet kontinġenti jirriżultaw minn garanziji ta' investiment ipprovduti taħt il-programmi ELM, FEIS, EFSD, InvestEU, u EFSD+.

Ir-riskji li dan is-self ma jitħallasx lura mill-pajjiżi benefiċjarji jew li jissejħu l-garanziji, jiġu ġestiti bir-reqqa permezz ta' qafas komprensiv ta' ġestjoni tar-riskju li jinkludi, għal ċerti kategoriji ta' obbligazzjonijiet kontinġenti, l-allokazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex jiġi kopert it-telf potenzjali b'livell ta' fiduċja konservattiv biżżejjed.

Filwaqt li jitqiesu s-salvagwardji multipli pprovduti fil-qafas tal-UE għall-monitoraġġ u l-ġestjoni tar-riskji marbuta kemm mal-obbligazzjonijiet kontinġenti proviżjonati kif ukoll dawk garantiti b'marġni ta' manuvra u l-valutazzjoni tas-sostenibbiltà ppreżentata f'dan ir-rapport, huwa possibbli li jinsiltu tliet konklużjonijiet ewlenin. Dawn il-konklużjonijiet huma stabbiliti fit-tliet paragrafi bil-punti hawn taħt.

- Ir-riskji li jirriżultaw minn strumenti proviżjonati (jiġifieri garanziji baġitarji u assistenza finanzjarja lil pajjiżi terzi) huma ġestiti bir-reqqa u proviżjonati b'mod adegwat. Din il-valutazzjoni tqis: (i) *data* dwar inadempjenzi tal-passat u telf mistenni; (ii) il-miżuri li huma fis-seħħ biex jiżguraw li t-telf ma jaqbiżx il-livelli ta' tolleranza predefiniti; u (iii) il-provvedimenti baġitarji li huma disponibbli biex ikopru pagamenti potenzjali.
- Il-kapaċità finanzjarja tal-UE skont il-qafas legali eżistenti (jiġifieri d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji u r-Regolament QFP) hija fil-biċċa l-kbira suffiċjenti biex tkopri l-materjalizzazzjoni tat-telf li jista' jirriżulta fir-rigward ta' self garantit b'marġni ta' manuvra bejn issa u tmiem l-2029, taħt estrapolazzjonijiet mekkaniċi tal-livell ta' nefqiet lil hinn mill-2027. Bħala medja matul il-perjodu 2025–2029, il-marġni ta' manuvra disponibbli biex jiġu koperti dawn l-obbligazzjonijiet kontinġenti huwa ta' madwar **EUR 106,3 biljun** fis-sena fir-rigward tal-marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 1,4 % tal-ING tal-UE u madwar **EUR 111,7 biljun** fis-sena għal-limitu massimu temporanju ta' 0,6 % tal-ING tal-UE. Dan il-marġni ta' manuvra jista' jintalab biex jissodisfa ħtiġijiet straordinarji ta' dħul biex jiffinanzja nefqa mhux prevista jew biex jonora kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti eżistenti u potenzjali jekk dawn jimmaterjalizzaw.
- Il-marġni ta' manuvra għandu riżorsi tajbin biex jiżgura r-robustezza tas-sistema finanzjarja tal-UE u l-affidabbiltà kreditizja tagħha anke f'xenarju negattiv estrem li jikkombina impatti negattivi fir-rigward tal-kundizzjonijiet ekonomiċi, id-dħul u n-nefqa. F'xenarju negattiv bħal dan, il-marġni ta' manuvra rimanenti taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 1,4 % tal-ING tal-UE jammonta għal medja ta' EUR 66,7 biljun fis-sena matul il-perjodu 2025-2029 u għal **EUR 86,1 biljun** bħala medja fis-sena matul il-perjodu 2025-2029 taħt il-limitu temporanju ta' 0,6 % tal-ING tal-UE. Dawn l-ammonti jirrappreżentaw riżerva ta' sikurezza kontra aktar xokkijiet ekonomiċi negattivi, ħtiġijiet ġodda potenzjali u obbligazzjonijiet kontinġenti kemm għall-operazzjonijiet mhux tal-NGEU kif ukoll għal dawk tal-NGEU.

5. Annessi:

Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu permanenti tar-riżorsi proprji

(f'EUR miljun, ċifri bi prezzijiet kurrenti)

		2025	2026	2027	2028	2029
Xenarju bażi						
Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (1,4 % tal-ING)	a	257,9	267,0	275,9	285,0	293,9
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit (għajr l-NGEU)	b	143,2	177,9	189,0	166,1	171,8
Marġni ta' manuvra taħt il-limitu permanenti	a-b	114,7	89,1	86,9	118,8	122,1
Testijiet tal-istress						
1) Test tal-istress fuq l-ekonomija						
Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (1,4 % tal-ING)	a	255,4	261,8	267,9	274,0	279,7
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit (għajr l-NGEU)	b	143,2	177,9	189,0	166,1	171,8
Marġni ta' manuvra	a-b	112,2	83,9	78,9	107,8	108,0
2) Test tal-istress fuq id-dħul						
Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (1,4 % tal-ING)	a	257,9	267,0	275,9	285,0	293,9
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit (għajr l-NGEU)	b	143,2	177,9	189,0	166,1	171,8
Riżorsi proprji straordinarji biex ikopru CLs (current liabilities) mhux tal-NGEU (*)	c	9,5	14,0	6,2	11,9	10,7
Marġni ta' manuvra	a-b-c	105,2	75,1	80,7	106,9	111,4
3) Test tal-istress fuq in-nefqa						
Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (1,4 % tal-ING)	a	257,9	267,0	275,9	285,0	293,9
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit (għajr l-NGEU)	b	143,2	177,9	189,0	166,1	171,8
Riżorsi proprji addizzjonali (sal-limitu massimu tal-QFP, u massimu tal-istrumenti speċjali) (**)	c	40,5	19,5	14,5	14,9	15,8
Marġni ta' manuvra	a-b-c	74,3	69,6	72,4	104,0	106,3
4) Xokk negattiv/mhux favorevoli kkombinat						
Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (1,4 % tal-ING)	a	255,4	261,8	267,9	274,0	279,7
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-baġit (għajr l-NGEU)	b	143,2	177,9	189,0	166,1	171,8
Riżorsi proprji addizzjonali (sal-limitu massimu tal-QFP, u l-massimu tal-istrumenti speċjali)	c	40,5	19,5	14,5	14,9	15,8
Riżorsi proprji straordinarji biex ikopru CLs mhux tal-NGEU	d	9,5	14,0	6,2	11,9	10.7
Marġni ta' manuvra	a-b-c-d	62,2	50,4	58,2	81,1	81,5

(*) Dan jinkludi appoġġ fil-forma ta' self permezz tal-EFSM, il-Faċilità tal-BoP, SURE u l-AMF+. Il-valutazzjoni tar-riskju marbuta mal-istrument SURE tqis il-kontrogaranzija speċifika pprovduta mill-Istati Membri kollha għal 25 % tal-ammont massimu ta' assistenza finanzjarja.

(**) in-nefqa hija pproġettata għall-massimu teoretiku għal: 1) il-limitu massimu tal-pagamenti tal-QFP fl-2025–2027[48], 2) l-aġġustamenti futuri sal-massimu potenzjali tagħhom fi kwalunkwe sena unika[49], u 3) il-limiti massimi annwali tal-istrumenti speċjali tematiċi (il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza, u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit), l-Istrument ta' Flessibbiltà, u r-Riżerva għall-Ukrajna.

Is-sostenibbiltà u l-marġni ta' manuvra fir-rigward tal-limitu massimu temporanju tar-riżorsi proprji

(f'EUR miljun, ċifri bi prezzijiet kurrenti)

		2025	2026	2027	2028	2029
Xenarju bażi						
Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (0,6 % tal-ING)	a	110,5	114,4	118,3	122,1	125,9
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU(*)	b	5,2	3,7	5	9,5	9,3
Marġni ta' manuvra	a-b	105,4	110,7	113,3	112,6	116,6
Testijiet tal-istress						
1) Test tal-istress fuq l-ekonomija						
Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (0,6 % tal-ING)	a	109	111,1	113,2	115,2	117,1
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU	b	5,2	3,7	5	9,5	9,3
Marġni ta' manuvra	a-b	103,8	107,4	108,2	105,7	107,7
2) Test tal-istress fuq id-dħul						
Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (0,6 % tal-ING)	a	110,5	114,4	118,3	122,1	125,9
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU	b	5,2	3,7	5	9,5	9,3
Riżorsi proprji straordinarji biex ikopru s-CLs tal-NGEU (rimborżi tas-self tal-NGEU dovuti)	c	0,9	0,9	0,9	0,9	0,9
Marġni ta' manuvra	a-b-c	104,5	109,8	112,4	111,7	115,7
3) Test tal-istress fuq in-nefqa						
Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (0,6 % tal-ING)	a	110,5	114,4	118,3	122,1	125,9
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU	b	5,2	3,7	5	9,5	9,3
Riżorsi proprji addizzjonali għall-NGEU (ħruġ li jimmatura, bl-esklużjoni tas-CLs u l-ammonti bbaġitjati)	c	17,2	26,5	15,8	21,2	16,9
Marġni ta' manuvra	a-b-c	88,2	84,2	97,5	91,4	99,7
4) Xokk negattiv/mhux favorevoli kkombinat						
Limitu massimu tar-Riżorsi Proprji (0,6 % tal-ING)	a	109	111,1	113,2	115,2	117,1
Riżorsi proprji għall-finanzjament tal-NGEU	b	5,2	3,7	5	9,5	9,3
Riżorsi proprji addizzjonali għall-NGEU (ħruġ li jimmatura, bl-esklużjoni tas-CLs u l-ammonti bbaġitjati)	c	17,2	26,5	15,8	21,2	16,9

[48] Kif stabbilit fl-aktar aġġustament tekniku reċenti tal-QFP (COM(2024)110 final tad-29.2.2024).

[49] Fir-rigward tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 5 u l-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament QFP (sal-limiti massimi stabbiliti fl-Artikolu 11(3) tal-istess Regolament u filwaqt li jitqiesu biss l-aġġustamenti 'l fuq possibbli).

Riżorsi proprji straordinarji biex ikopru s-CLs tal-NGEU	d	0,9	0,9	0,9	0,9	0,9
Marġni ta' manuvra	a-b-c-d	85,6	80	91,5	83,6	90,0

(*) Għall-2025 l-ammont jirrifletti l-approprjazzjonijiet ta' impenn fl-abbozz tal-baġit tal-2025. Għall-2026 u l-2027 l-ammonti jikkorrispondu għall-ipprogrammar finanzjarju tal-linja baġitarja tal-EURI. L-ammonti għall-2028 u l-2029 huma bbażati fuq estrapolazzjoni teknika inkluż ħlas lura lineari tal-prinċipju tad-dejn tal-NGEU maħruġ matul is-snin 2021–2023 għal appoġġ mhux ripagabbli.